MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 42/2005

**Lawrence Cuschieri**

***Versus***

**Avukat Ġenerali; Onorevoli Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tax-Xogħlijiet; u Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta bħala suċċessur tal-*Malta Drydocks***

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex rimedju għax igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, il-jedd illi ma ssirx diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija tal-jeddijiet tiegħu, u l-jedd għall-pussess u t-tgawdija paċifika tal-beni tiegħu. Din is-sentenza tallum hija dwar l-eċċezzjoni illi l-konvenuti Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex kontradittur leġittimi, u l-eċċezzjoni illi din il-qorti għandha tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħat kostituzzjonali tagħha għax l-attur kellu mezzi xierqa ta' rimedju u diġà nqeda b'dawk ir-rimedji.

2. L-attur fisser illi hu kien impjegat mal-korporazzjoni *Malta Drydocks* [“il-Korporazzjoni”] u, għalkemm għamel xi żmien sekondat mal-Ministeru tal-Intern, xorta baqa’ jirċievi s-salarju tiegħu mingħand dik il-korporazzjoni. Fil-5 ta’ Jannar 1983 il-Ministeru tal-Intern għarraf lill-attur b’ittra illi, għax ismu kien issemma in konnessjoni ma’ atti ta’ korruzzjoni, hu kellu joħroġ minnufih *on forced leave* sakemm jagħmel dak li hu meħtieġ biex juri li dan ma kienx minnu. B’ittra oħra tas-7 ta’ Jannar 1983 il-Ministeru tal-Intern kompla għarraf lill-attur illi s-*secondment* tiegħu mal-gvern kien ġie terminat u illi fl-10 ta’ Jannar 1983 kellu jirrapporta għax-xogħol għand il-Korporazzjoni. Dakinhar, iżda, il-konvenut bagħat ċertifikat ta’ mard u ma daħalx għax-xogħol; iċ-ċertifikat intbagħat lura lilu mill-Korporazzjoni b’nota li tgħid “*not applicable*”. L-attur baqa’ ma daħalx lura għax-xogħol għax, għalkemm kien pront jagħmel dan, kien mgħarraf li ma kienx sejjer ikun aċċettat qabel ma jnaddaf ismu minn kull akkuża. Fl-1990, imbagħad, meta wasal biex jagħlaq wieħed u sittin (61) sena, l-attur għamel talba taħt *early retirement scheme* tal-Korporazzjoni, u l-Korporazzjoni aċċettat it-talba.

3. Is-salarju tal-attur kien miżmum mill-5 ta’ Jannar 1983 sa meta beda jieħu l-pensjoni. Matul dan iż-żmien, iżda, kellu jħallas kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali bħala wieħed li jaħdem għal rasu.

4. Fis-17 ta’ Marzu 1983 inbdew proċeduri kriminali kontra l-attur dwar allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni, u l-attur ġie liberat mill-akkużi kollha b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta’ Novembru 1999, meta kien wasal biex jagħlaq sebgħin (70) sena.

5. Fit-2 ta’ Frar 1988 l-attur għamel ilment mal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji [“il-Kummissjoni”], u f’rapport tal-14 ta’ Jannar 1993 il-Kummissjoni iddeċidiet illi l-ilment kien ġustifikat u irrakkomandat illi l-Korporazzjoni tħallas lill-attur:

i. nofs is-salarju bażiku tiegħu mill-10 ta’ Jannar 1983 sa meta beda jieħu l-pensjoni; u

ii. id-differenza bejn il-kontribuzzonijiet tas-Sigurtà Soċjali li kellhom jitnaqqsu mis-salarju tal-attur li kieku dan tħallas is-salarju, u dawk li effettivament ħallas matul l-istess żmien.

6. Il-Kummissjoni irrakkomandat ukoll illi l-Ministeru tal-Intern iħallas lill-attur nofs is-salarju sħiħ tiegħu għaż-żmien bejn il-5 ta' Jannar 1983 u d-9 ta' Jannar 1983.
7. B'ittra tal-5 ta' Ottubru 1994 mill-Uffiċċju tal-Prim'Ministru l-attur kien mgħarraf li kellu jitħallas disa' mija u għaxar lira (Lm910) bħala paga bejn il-5 ta' Jannar 1983 u s-17 ta' Marzu 1983, meta kienu nbdew il-proċeduri kriminali. Wara, l-attur irċieva dan il-ħlas.
8. L-attur imbagħad fetaħ kawża fl-ismijiet **Lorry *sive* Lawrence Cuschieri *versus* Onor. Ministru tal-Ambjent *et*** biex il-qorti tgħid illi kellu jingħata l-ħlas illi kien miżmum lilu bla ma kien xieraq, u biex jingħata kumpens. B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1997 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet iżda l-Qorti tal-Appell ċaħdithom b'sentenza tal-25 ta' Frar 2005.
9. L-attur kompla jgħid illi s-sospensjoni tiegħu mix-xogħol għal raġunijiet abusivi u diskriminatorji, kif ukoll id-dewmien kbir biex intemmu l-proċeduri kriminali mibdija kontrieh, wasslu għal ħsara u għall-ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu. Igħid ukoll illi, għalkemm ġie aċċertat mill-Kummissjoni illi kien vittma ta' inġustizzja, ingħata kumpens biss għal dak li jwieġeb għalih il-gvern iżda mhux ukoll għat-telf li ġarrab mill-Korporazzjoni, li irrifjutat li tagħtih il-kumpens mistħoqq. Barra minn hekk, ikompli jgħid l-attur, hu kien imċaħħad mit-tgawdija paċifika tal-beni tiegħu, u kien ukoll vittma ta' diskriminazzjoni fit-tgawdija tal-jeddijiet fondamentali tiegħu għax persuni oħra li nstab li kienu vittmi ta' inġustizzja ingħataw kumpens sħiħ.
10. Għal dawn ir-raġunijiet l-attur talab illi l-qorti "jogħġobha tiddikjara li bil-fatti kif fuq esposti ġew vjolati fil-konfront tiegħu d-drittijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, għal non-diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu għall-pussess u tgawdija paċifika tal-beni tiegħu u għal rimedju effettiv għall-vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet, inkluż l-inġustizzji li saru fil-konfront tiegħu u dan bi ksur tal-artikolu (*sic*) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni, u għalhekk jogħġobha din il-qorti tagħtih dawk ir-rimedji xierqa u opportuni fosthom kumpens adegwat għall-ħsara minnu sofferta".

11. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

i. illi l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex kontradittur leġittimi, u għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax fiż-żmien relevanti l-attur ma kienx impjegat magħhom; u

ii. illi safejn l-attur:

a. diġà ressaq talba fil-qrati għal ħlas ta' kumpens u din it-talba ġiet deċiża b'sentenza li saret *res iudicata*, u issa qiegħed jagħmel l-istess talba b'rikors kostituzzjonali; u

b. qiegħed ifittex li jikseb dak li ma seħħlux li jikseb bil-proċeduri ċivili, u hekk qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizzjarju:

din il-qorti għandha tagħżel, kif igħid l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, li ma tismax il-każ billi l-attur kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-istess ilmenti li qiegħed iressaq illum, u diġà nqeda b'dawk ir-rimedji.

12. Din is-sentenza tallum hija dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

13. Għalkemm loġikament l-eċċezzjoni taħt l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni għandha titqies qabel l-oħra, billi, jekk tintlaqa', tieqaf il-kawża kontra l-konvenuti kollha waqt illi l-eċċezzjoni l-oħra, jekk tintlaqa', twaqqaf il-proċeduri biss kontra l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, madankollu, din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva hija ta' soluzzjoni tant ovvja illi nistgħu niddisponu minnha f'dan l-istadju.

14. Dawn iż-żewġ konvenuti mkien ma jissemmew fir-rikors, u lanqas ma ssir xi allegazzjoni li f'xi waqt l-attur kien impjegat jew kellu xi rabta oħra magħhom. L-argument imressaq fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur – li trid issir il-prova li dawn il-konvenuti ma jaħtux għall-ksur tal-jeddijiet tal-attur – huwa argument frivolu, mhux biss għax il-prova tal-ħtija, *se mai*, għandu jagħmilha l-attur iżda wkoll għax meta, fl-att li bih jinbdew il-proċeduri, ma huwiex muri għal liema għemil tagħhom għandhom iwieġbu, dawn il-konvenuti ma jistgħux ikunu mistennija li juru n-nuqqas ta' responsabilità tagħhom.

15. Billi għalhekk fir-rikors li bih inbdew il-proċeduri ma jingħad xejn dwar il-kawżali għat-talbiet kontra dawn il-konvenuti, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet hija milqugħa u l-istess konvenuti huma meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

16. Fl-eċċezzjoni l-oħra l-konvenuti jgħidu illi l-attur kellu rimedji taħt il-liġi ordinarja għall-ilmenti tiegħu u fil-fatt inqeda b'dawk ir-rimedji.

17. Safejn jistgħu jinstiltu mir-rikors, l-ilmenti tal-attur huma dwar dewmien fi proċeduri ġudizzjarji bi ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, dwar ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-beni tiegħu, imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, dwar diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dawk il-jeddijiet, u dwar nuqqas ta' rimedju effettiv.

18. L-attur qiegħed igħid illi nkiser il-jedd għat-tgawdija tal-beni tiegħu għax baqa' mċaħħad minn dak li deherlu li kellu jitħallas mingħand il-Korporazzjoni skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Qiegħed igħid ukoll illi kien imċaħħad minn rimedju għall-ħarsien ta' dak il-jedd, u kien ukoll vittma ta' diskriminazzjoni fit-tgawdija tal-istess jedd għax ħaddieħor ingħata rimedju u hu le.

19. L-attur kien ġà għamel talba, quddiem din il-qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha, għall-istess ħlas li jgħid illi baqa' mċaħħad minnu. Dik it-talba kienet saret fil-kawża fl-ismijiet **Lorry *sive* Lawrence Cuschieri *versus* Onor. Ministru tal-Ambjent *et*** (ċitazzjoni numru 886/1995), maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2005. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attur wara li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

20. L-attur għalhekk ma jistax igħid illi kien imċaħħad minn jedd li kellu; li ġara hu li fi proċess ġudizzjarju ġie stabilit illi ma kellux il-jedd li ippretenda li kellu. Dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mid-deċiżjoni li ttieħdet fil-kawża ċivili li fetaħ l-attur. Li kieku kull min jitlef kawża jista' jgħid illi bid-deċiżjoni kien imċaħħad mill-beni tiegħu, il-proċess kostituzzjonali jsir istanza oħra ta' appell mid-deċiżjoni ċivili, li, iżda, ma huwiex l-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. L-istabilità tar-relazzjonijiet legali trid illi meta tingħata deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' dritt ċivili

f'sentenza li ssir *res iudicata*, dik id-deċiżjoni tkun rispettata. Jista' t-tellief igħid illi l-proċess ma kienx wieħed xieraq għax ma tħarsux il-jeddijiet proċedurali tiegħu, iżda ma jistax igħid illi nkiser jedd fondamentali tiegħu għax id-deċiżjoni fil-meritu ma jaqbilx magħha. Għalhekk, l-attur la jista' jgħid li kien imċaħħad mill-jedd għat-tgawdija tal-beni tiegħu, la jista' jgħid illi kien imċaħħad minn rimedju biex iħares jedd li ma kellux, u lanqas jista' jgħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd li ma kellux. Li jista' jgħid hu illi kellu rimedju li iżda tilfu għax ma nqediex bih fiż-żmien li tagħti l-liġi. Għal dan iżda *imputet sibi.*

21. Għalhekk, safejn l-attur qiegħed ifittex li jiftaħ mill-ġdid il-meritu ta' kwistjoni li dwarha hemm deċiżjoni finali, it-talba tiegħu hija frivola u vessatorja, u abbuż tal-proċess ġudizzjarju, u hija wkoll talba illi din il-qorti mhux biss ma għandhiex tqisha, għax l-attur kellu mezzi xierqa ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja, iżda wkoll ma tistax tqisha bla ma tmur kontra l-prinċipju tal-finalità tar-*res iudicata*.

22. L-istess iżda ma jistax jingħad safejn l-ilment huwa dwar ksur tal-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli minħabba dewmien biex jinqatgħu l-proċeduri kriminali mibdija kontra l-attur, għax dwar dan l-ilment ma ntweriex li l-attur kellu rimedju xieraq taħt il-liġi ordinarja.

23. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi dawn il-proċeduri għandhom jitkomplew iżda biss għall-għanijiet tal-ilment tal-attur dwar ksur tal-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli minħabba dewmien biex jinqatgħu l-proċeduri kriminali. Dan iżda jġib il-konsegwenza inevitabbli illi, mill-konvenuti tallum, għandu leġittimazzjoni passiva biss l-Avukat Ġenerali taħt l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuti l-oħrajn kollha għandhom għalhekk jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi billi:

i. teħles lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u lid-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur;

ii. tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], iżda biss safejn l-ilment tal-attur jolqot il-jedd tiegħu għat-tgawdija tal-beni tiegħu, il-jedd għal rimedju effettiv u l-jedd li ma ssirx diskriminazzjoni kontra tiegħu

fit-tgawdija tal-jeddijiet, u tordna li jitkompla s-smigħ safejn l-ilment jolqot il-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli; u

iii. minħabba l-meritu kif issa definit u ristrett, teħles lil Saviour Gauci *nomine* mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

25. L-ispejjeż, ħlief dawk tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, li għandu jħallashom l-attur, ikunu regolati fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------